A.L. 327 ta' l-2005

ATT DWAR IS-SIGURTÀ FL-IKEL
(KAP. 449)

Regolamenti ta' l-2005 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Supplementi għall-Ikel

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 10 ta' l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel, il-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u l-Kura fil-Komunità għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2005 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Supplementi għall-Ikel, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2003 dwar Supplementi għall-Ikel, hawn iktar 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". Titolu. A.L. 239 ta' l-2003.

2. Minflok ir-regolament 5.5 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:- Jemenda regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

"5.5 Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tar-regolament 5.8, supplementi għall-ikel li jipprovdu għajn ta' xi nutrienti f'livell li jaqbeż l-ogħla livell massimu stabbilit għal dak in-nutrient mit-Tielet Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti jistgħu jinbiegħu biss f'Malta jekk dawn jiġu qabel approvati mill-Kummissjoni għas-Sigurà ta' l-Ikel.

Il-Kummissjoni għas-Sigurtà ta' l-Ikel għandha partikolarment tqis il-preżentazzjoni tal-prodott, it-tikkettjar, struzzjonijiet għall użu, kif ukoll kull indikazzjoni jew informazzjoni oħra provduti mill-manifattur.

Il-Kummissjoni għas-Sigurtà ta' l-Ikel tista' wkoll tqiegħed fis-suq dawk is-supplementi għall-ikel bla ħsara għal kundizzjoni li tqis adatta biex tiżgura s-sigurtà tas-saħħa pubblika.".

3. Minflok ir-regolament 7.4 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:- Jemenda regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

"7.4. Il-valuri dikjarati msemmija fir-regolamenti 7.1 u 7.2 għandhom ikunu valuri medji bażati fuq l-analiżi tal-prodott magħmula mill-manifattur.".